MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru. 14/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**ROBERT AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Robert Azzopardi, iben Edward u Angela nee' Buttigieg, imwieled fit-02 ta' Marzu 1994, Pieta’, residenti Sephora, Flt. 1, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' 117994(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-07 ta’ Novembru 2013 f’xi hin bejn is-siegha u s-saghtejn ta' filghodu (01:00a.m - 02:00am) f’dawn il-Gzejjer:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Emanuel Peter Gatt.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Emanuel Peter Gatt liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.47 Euro izda anqas minn 1164.69 Euro.

U aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Emanuel Peter Gatt jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. TM7 u nnutat li l-imputat Robert Azzopardi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wisssiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mitsoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Robert Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz  inkluza l-fedina penali netta tal-imputat tillibera lill-istess imputat Robert Azzopardi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Robert Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------